MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 135/2007

**A B C**
**vs**
**D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-kontendenti ghaddew ghac-cerimonja taz-zwieg fis-7 ta’ Settembru 1998 kif jirrizulta mill-anness certifikat Dok. A.

2. Illi l-kontendenti sseparaw permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni bonarja in atti Nutar Dr. Remigio Pace Zammit.

3. Illi dan iz-zwieg huwa null stante li l-partijiet ma kellhomx d-diskrezzjoni mehtiega ghall-hajja matrimonjali

jew ghad-drittijiet u l-obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, kif ukoll ghaliex kien hemm anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li twettaq l-obbligi essenzjali taz-zwieg;

4. Illi l-kunsens tal-attrici nkiseb b' qerq dwar xi kwalita' tal-konvenut li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga kif ukoll ghaliex il-konvenut ma kellux fi zmien li sar iz-zwieg kif ukoll minhabba raguni temporanja setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

Tiddikjara null u minghajr effett iz-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fis-7 ta' Settembru 1998 u dan ai termini ta' l-artikolu 19 tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li permezz taghha l-konvenut eccepixxa illi jista' jkun illi jissussistu c-cirkostanzi indikati fir-rikors promotur intavolat minn A B C u kwindi l-intimat jirrimetti ruhu ghall-provi u ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits tal-partijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fis-7 ta' Settembru 1998 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [c] u [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta. Minn naha tieghu l-konvenut jirrimetti ruhu.

**Kwadru tal-fatti**

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fis-7 ta' Settembru 1998 meta allura l-attrici kellha 29 sena u l-konvenut kellu 36 sena. Wara konvivenza matrimonjali ta' circa erba' snin il-partijiet isseparaw. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi l-attrici tispjega li hi kienet izzewget sabiex ikollha tfal; izda l-konvenut, ghalkemm qabel iz-zwieg kien accetta li jkollhom it-tfal, wara z-zwieg kien stqarr maghha li ma riedx tfal. Huma kienu ppjanaw 'flimkien' li jkollhom tfal fiz-zwieg wara li jghaddi certu zmien, izda meta ghaddew circa tlett snin il-konvenut beda jirrezisti l-insistenza ta' l-attrici sabiex jipprovaw ghat-tfal. Hi tghid li per konsegwenza l-att taz-zwieg bejniethom dejjem sar bi prekawzjoni minn naha tal-konvenut bl-uzu tal-kontracettivi sabiex l-attrici zgur ma tinqabadx tqila, altrimenti kien jirrifjuta li jaghmel l-att taz-zwieg.
Din kienet il-problema kostanti li kienet imminat kostantament ir-relazzjoni matrimonjali ta' bejniethom. Tghid li l-konvenut kien igib is-sitwazzjoni finanzjarja taghhom biex jiggustifika l-biza' tieghu li ma jkollhomx tfal.

Eventwalment wara li l-attrici rat li l-konvenut kien sod fid-decizjoni tieghu, hija telqet mid-dar konjugali.

Illi minn naha tieghu l-konvenut jammetti li ma kienx ried tfal fiz-zwieg peress li skond hu l-pozizzjoni finanzjarja tieghu ma kinitx stabbli u ghalhekk ma kienitx tippermetti zieda fil-familja; u dan avolja l-attrici kienet tahdem u baqghet tahdem waqt iz-zwieg. Huwa jghid li anke biex iddecieda li jizzewweg, kellha tkun il-pressjoni da parti ta' l-attrici li minhabba fiha wasal sabiex accetta jaghmel dan il-pass.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-kwadru premess il-Qorti tikkonfigura fil-konfront tal-konvenut il-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li jirrizulta bic-car li l-konvenut ma kienx kapaci jerfa' r-

responsabbilitajiet tal-hajja konjugali. Dan jispjega ghaliex huwa baqa' jigib l-iskuzi sabiex ma jkollux tfal fiz-zwieg.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-7 ta' Settembru 1998. L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------